## *Laqgħa tal-Kunsill Lokali Marsa*

# Minuti

# Disa' Legislatura

## *Laqgħa numru 44*

***5.30p.m 06 u  13 t'April 2022***

## *Preżenti*

Is-Sur Josef Azzopardi - Sindku
Is-Sur Joseph Scerri - Viċi Sindku
Is-Sur Francis Debono - Kunsillier
Is-Sur Colin Pace - Kunsillier
Is-Sur Joseph Lia - Kunsillier
Is-Sur Dominic Spencer - Kunsillier

## *Assenti*

Is-Sinjura Charmaine Aquilina – Kunsillier

## *Uffiċjal Preżenti*

Edward Spiteri Audibert - Segretarju Ezekuttiv

## *Minuti*

Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi ippresjeda l-laqgħa online.

### *44.1 Qari tal-ittri tal-apoloġiji.*

44.1.1 ma kien hemm l-ebda ittra t'apologija.

## *44.2 Kunsiderazjoni u Approvazzjoni tal-Minuti*

44.2.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi staqsa jekk hemmx xi mistoqsijiet jew kummenti fuq il-minuti tal-Laqgħa numru 43. Wara li ħadd mill-membri ma kellu emendi fuq il-minuti msemmija, l-Kunsillier is-Sur Joseph Lia issekonda. Il-Vot favur kien unanimu.

### *44.3 Komunikazzjoni mis-Sindku*

44.3.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi spjega li l-Ġnien Belveder huwa finalment miftuħ u dan diġa beda' jidgawda min diversi familji u anke għaqdiet Marsin. Dan il-post reġa ħa l-ħajja mill-ġdid. Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer qal li l-Ġnien sar post rilassanti u għalhekk jixtieq jissuġġerixxi li jkun hemm post bil-kotba li jistgħu jintużaw għal dawk li jixtiequ jaqraw ktieb. Il-Kunsillier is-Sur Colin Pace qal li jixtieq li jsir kalendarju ssinkronizzat. Hawn qamet diskussjoni, filwaqt li l-Kunsillier s-Sur Dominic Spencer talab li tintgħat ittra lill-għaqdiet tal-lokal sabiex jgħaddu l-Kunsill lista tal-attivitajiet li għaliħ ser ikunu qed jużaw il-ġnien, sew attivitajiet annwali u dawk tas-sajf.

## *44.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera*

44.4.1 Il-Kunsillier is-Sur Colin Pace staqsa dwar il-possibilita' li l-Kunsill jagħmel kuntatt ma Ms Marsa sabiex il-Kunsill ikun jista' jgħin din il-persuna li qegħda tirrapreżenta l-Marsa. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi spjega li l-Kunsill jista' jagħmel kuntatt ma Ms Marsa sabiex anke nninvolvuha fl-attivitajiet kollha relatati mall-Marsa bħala Belt Kulturali 2022. Madankollu, s-Sindku xtaq jiċċara li l-Kunsill jista' jagħmel reklam imma mhux sponsorships.

44.4.2 Il-Kunsillier is-Sur Colin Pace qal li ħafna residenti fiż-żona ta' Marija reġina qed jaqilbu għal karozzi eletriċi u għalhekk tkun ideja tajba jekk il-Kunsill jgħin biex jiżdiedu l-points fejn dawn jistgħu jiċċarġjaw il-karozzi. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li diġa' ntbgħatet lista sħiħa lid-dipartiment ikkonċernat u għandna l-konferma li ser ikun hawn ħames charging points ġodda fil-Marsa.

44.4.3 Il-Kunsillier is-Sur Colin Pace xtaq jiġbed għall-attenzjoni tal-Kunsill li l-bins li hemm Triq Zerafa qabel ma tidħol għall-Ġnien mhux qed jiġu mbattla. Huwa xtaq ukoll li jkun hemm doggy

bins fl-akwata. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li l-Kunsill ser jinforma lill-kuntrattur sabiex it-tbattil isir b'mod frekwenti. Dwar id-doggy bins għalissa l-Kunsill ma għandhux kuntrattur li jistgħa jnaddafhom peress li t-tender tal-knis għadu ma ngħalaqx.

44.4.4 Il-Viċi Sindku s-Sur Joseph Scerri staqsa jekk saritx mera fi Triq San Pawl minħabba l-periklu li hemm biex toħroġ. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li peress li din il-mera trid teħel fuq faċċata privata, l-Kunsill ser jibgħat ittra lir-residenti jekk jaċċettawx li teħel din il-mera fuq il-propjeta' tagħhom.

44.4.5 Il-Viċi Sindku s-Sur Joseph Scerri staqsa dwar f'hix wasal il-Kunsill fuq id-Dog Park. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li attwalment il-proġett qiegħed f'idejn il-perit li dan qed jara liema items jista' jaqta biex iraħħas iċ-ċifra totali tal-istima li kien ta' lill-Kunsill.

44.4.6 Il-Viċi Sindku s-Sur Joseph Scerri talab ir-raġuni għalfejn ma kien hemm l-ebda involviment mill-għaqdiet tal-lokal għaż-żjara tal-Papa. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi spjega li d-deċiżjonijiet dwar iż-żjara tal-Papa ttieħdu kompletament mill-Uffiċju tal-Prim Ministru taħt it-tmexxija tas-Sur Zahra, tant li fil-laqgħa li l-Kunsilli kellhom, u li għalihom attenda s-Sindku u s-Segretarju Eżekkutiv, fil-Marsa l-Papa ma kienx ser jgħaddi miċ-ċentru iżda min Triq Aldo Moro u Triq Diċmebru Tlettax. L-uniku ħaġa li dan l-uffiċju talab kien li jitweħħlu l-bnadar fuq nil-pontijiet tal-Marsa, u talbu lill-għaqdiet b'mod dirett. Il-Kunsillier is-Sur Francis Debono qal li jekk l-Kunsill huwa ddiżżappuntat min din id-deċiżjoni li jitħallew barra l-għaqdiet tal-Marsa nistgħu nibgħatu email. Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer qabel li tintbgħat email lill-uffiċju tas-Sur Zahra. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qabel ma dan u xtaq isaqsi kif kien hemm numru ta' Sindki li dehru preżenti waqt il-quddiesa tal-Papa, meta huwa ma rċieva l-ebda stedina jew email dwar dan.

44.4.7 Il-Kunsillier is-Sur Francis Debono qal li huwa importanti li l-Kunsill jibgħat messaġġ ta' awgurju lill-Ministri u s-Segretarji Parlamentari ġodda li telgħu mid-distrett tal-Marsa, filwaqt li nirringrazzjaw dawk kollha li ħadmu fil-leġislatura l-oħra. Is-Sindku s-Sur josef Azzopardi qabel perfettament ma din il-proposta.

## *44.5 Kunsiderazjoni* u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' pagamenti

44.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ta spjega tal-pagamenti skond l-iskeda 04/2022 annessa. Wara li ħadd mill-membri preżenti ma kellhom xi mistoqsijiet jew kummenti oħra dwar il-kontijiet mressqa għall-approvazzjoni, s-Sindku s-Sur Josef Azzopardi talab l-approvazzjoni għall-ħlas tagħhom. Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer issekonda u l-vot favur kien unanimu.

## *44.6 Deċiżjoni u Konsiderazzjoni fuq Korrispondenza*

44.6.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li l-Paroċċa Trinita' Qaddisa qed tistaqsi l-Kunsill jekk hux interessat jagħmel reklam ta' paġna bil-kulur għall-prezz ta' €300 fuq il-fuljett speċjali li ser jiġi ppublikat għall-żmien il-festa. Wara li ħadd min dawk ma kellu oġġezzjoni, l-Kunsillier is-Sur Francis Debono ssekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

44.6.2 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li dwar l-armar tal-Gimgħa Mqaddsa l-Kumitat Festi Esterni Marija Reġina qed tipproponio li jarmaw slaleb fil-Ġimgħa Mqaddsa għall-prezz ta' €500, filwaqt li l-Għaqda Festi Esterni Ssma. Trinita' qed jitolbu €1000 għall-set slaleb biex jintremaw Triq Balbi u parti min Triq Zerafa. Wara diskussjoni fost dawk preżenti kien hemm zbil li l-prezzijiet għal dan l-armar kien wieħed għoli. Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer jixtieq jipproponi li jingħataw l-ammont ta' €1,000 fi flood lights madwar it-toroq għaliex il-pageant isir dejjem f'toroq mudlama. Is-Sindku qal li peress li ftit għad hemm żmien il-Kunsill jista' wkoll jfittex kuntrattur privat li lest jaħdem mill-ewwel. Wara li ħadd min dawk pre'enti ma kellhom aktar mistoqsijiet il-Viċi Sindku s-Sur Joseph Scerri ssekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

44.6.3 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li l-Biċċerija qed jniedu attivita' nazzjonali nhar is-7 ta' Mejju bil-kollaborazzjoni mall-għaqdiet tal-lokal fejn dawn ser ikunu qed jiħdu sehem dirett f'dawn l-attivitajiet bil-qliegħ immur kollhu għall-għaqdiet.

44.6.4 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li wara laqgħa li fiha ġiet diskussa l-inklussivita' tal-Wirja Artistika tal-Melħ waqt il-programm tal-Belt Kulturali 2022 il-Pageant Group qed titlob l-għajnuna finanzjarja ta' €3000 sabiex ikunu jistgħu ikopru l-ispejjez kollha, inkluż fl-armar tat-toroq prinċipali bis-slaleb , fejn intużat il-logo tal-Belt Kulturali, bi flyers, kotba, billboards u reklamar. Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer issekonda filwaqt li l-vot favur li jingħataw din l-għajnuna kien unanimu.

44.6.5 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li s-Sinjura Leanne Farrugia wriet ix-xewqa biex tinnomina lill missiera Teddy Farrugia sabiex jingħata Ġieħ il-Marsa. Is-Sur Farrugia ħadem ħafna għall-Marsa min meta kien zgħir. Flimkien ma din l-ittra nkludiet lista ta' ħidmiet li wettaq. Is-Sindku qal li dawn in-nominazzjonijiet ser ikunu qed jinġabru u r-rikonoxximent isir aktar tard din is-sena. Il-Kunsillier is-Sur Colin Pace ssekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *44.7 Attivitajiet Belt Kulturali Mejju, Ġunju u Lulju*

44.7.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li bħala parti mill-attivitajiet Belt Kulturali 2022 fix-xahar ta' Mejju ser isir l-Breakfast on the Bridge bil-għan li jlaqqa' persuni min kommunitajiet varji b'mod tassew informali. Il-gurnata skedata hija d-29 ta' Mejju fejn ser ikun hemm mużika, kantanti u ikel. Fix-xahar ta' Mejju ukoll ser ikun hemm il-Karnival tal-Marsa Belt Kulturali 2022, fejn fid-19 ta' Mejju, l-Marsa ser tkun l-ewwel lokalita' li ser tiftaħ dan iż-żmien ta' brijju, bil-parteċipazzjoni tal-Guggen Band, żeffiena, baned tal-lokal u l-parade. Apparti hekk hemm il-possibilita' li l-karrijiet jgħaddu mill-Marsa quddiem il-Knisja tat-Trinita', b'hekk il-karnival ser ikun qed jersaq hemm hekk. Jekk ma jkunx hemm karrijiet, l-attivitajiet ser isiru fi Triq Zerafa ma Triq Isouard. Wara li ħadd min dawk preżenti ma kellu aktar mistoqsijiet, il-Kunsillier is-Sur Joseph Lia ssekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

44.7.2 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi spjega li fix-xahar ta' Mejju ser ikun hemm il-kxif ta' żewġ monumenti, l-ewwel dak ta' Patri Mario u l-ieħor t' Anton Cassar.

44.7.3 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li fix-xahar ta' Ġunju ser ikun hawn Festa tal-Għana Lejla Marsija li ser ikunu qed jieħdu ħsiebħa l-Banda ta' Marija Reġina u l-Kumitat Festi Esterni Marija Regina, b'kantanti u ikel li ser ikunu qed jieħdu ħsieb huma stess. F' Lulju l-Kunsill ser ikun qed itella' wirja tal fotografija. Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer ressaq suġġeriment li f'Lulju

ssir Quddiesa fejn ikun hemm preżenti ż-żewġ vari, baned taż-żewġ paroċċi, korijiet u kappillani. Il Kunsillier Dominic Spencer kompla jghid li huwa lest li jkellem lill-Kapillani rigward dan il-ħsieb. Wara diskussjoni fost dawk preżenti l-Kunsillier is-Sur Francis Debono ssekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *44.8 Attivita' għall-Anzjani/Familji*

44.8.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li xtaq jagħmel attivita' għall-anzjani u għal-familji kollha billi l-Kunsill joffri tour madwar il-Port il-Kbir u l-Port ta' Marsamxett bi prezz issussidjat, fejn minflok €10, r-residenti jħallsu €5 biss. Dan ikun jinkludi transport mill-Marsa sa Tas-Sliema u t-tour fuq il-baħar. Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer staqsa jekk l-operaturi jistgħu jieħdu n-nies madwar il-port mill-Marsa stess propju min fejn ir-regatta. Is-Sindku qal li jekk hemm operaturi li jistgħu jagħmlu dan waqt li nkunu qed insibu l-kwotazjonijiet nagħmlu hekk. Wara li ħadd aktar ma kellu mistoqsijiet fuq din it-tema l-Viċi Sindku s-Sur Joseph Scerri ssekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *44.9 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss*

44.9.1 Il-laqgħa ntemmet fit-6.30pm u ġiet aġġornata għall-10 ta' Mejju fit-5.30pm fil-bini amministrattiv tal-Kunsill kif kien miftiehem fis-seduta ta' qabel.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Josef Azzopardi<br>Sindku | Edward Spiteri Audibert<br>Segretarju Eżekuttiv |